

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Lulju 2021 – Marina Karpeta-Kovalyova vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-717/20 P) (1)

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Konjuġi ta' diplomatiku Grieg li rrisjeda f'Brussell qabel ir-reklutaġġ – Definizzjoni tal-post ta' reklutaġġ u taċ-ċentru tal-interessi – Rifut li jingħata lir-rikorrenti l-allowance tal-espatriazzjoni u l-benefiċċċi relatati – Appell manifestament infondat)

(2021/C 391/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellant: Marina Karpeta-Kovalyova (rappreżentant: S. Pappas, avocat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Dispożittiv

1. L-appell huwa miċħud bħala manifestament infondat.
2. Marina Karpeta-Kovalyova għandha tbat i-spejjeż rispettivi tagħha.

(1) ĠU C 329, 16.8.2021.

---

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale ordinario di Pordenone (l-Italja)  
fl-14 ta' Jannar 2021 – PH vs Regione Autonoma Friuli Venezia Giulia

(Kawża C-24/21)

(2021/C 391/03)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale ordinario di Pordenone.

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: PH

Konvenut: Regione Autonoma Friuli Venezia Giulia

## Domandi preliminari

- 1) Il-projbizzjoni imposta mill-Artikolu 2.1 tal-Legge Regionale Friuli Venezia Giulia n. 5/2011 (il-Liġi Reġjonali Nru 5/2011), li ddaħħal miżuri ta' koeżistenza li jirriżultaw fil-projbizzjoni li jiġu kkoltivati l-varjetajiet ta' qamħirrun MON 810 fit-territorju tar-Reġjun Friuli Venezia Giulia (l-Italja), tikkonforma ruħha jew le mal-istruttura sħiħa tad-Direttiva 2001/18<sup>(1)</sup>, b'mod partikolari fid-dawl tar-Regolament Nru 1829/2003<sup>(2)</sup> u l-preċiżazzjonijiet magħmula mir-Rakkomandazzjoni [2010]/C200/01<sup>(3)</sup>?
- 2) Il-projbizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tista' tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti u għalda qstant, tmur kontra l-Artikoli 34, 35, u 36TFUE?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 77).

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Test b'rilevanza għaż-ŻEEN) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432).

<sup>(3)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2010 dwar linji gwida għall-iżvilupp ta' miżuri ta' koeżistenza nazzjonali biex tiġi evitata l-preżenza mhux intenzjonata ta' OMĠ fuċuħ konvenzjonali u organiċi (ĠU 2010 C 200, p. 1).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fit-22 ta' Frar 2021 – Deutsche Lufthansa AG vs NB

(Kawża C-108/21)

(2021/C 391/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Köln

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Deutsche Lufthansa AG

Konvenut: NB

### Domanda preliminari

Strajk mill-impiegati tat-trasportatur tal-ajru stess imsejjaħ minn sindakat jikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91<sup>(1)</sup>?

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz tad-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 2021.

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fil-5 ta' Marzu 2021 – Deutsche Lufthansa AG vs ED

(Kawża C-140/21)

(2021/C 391/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Köln

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Deutsche Lufthansa AG

Konvenut: ED